PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0027/2015**

2.3.2015

# RAPPORT

dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2016, Taqsima III – Il-Kummissjoni

(2015/2008(BUD))

Kumitat għall-Baġits
Rapporteur: José Manuel Fernandes



*Magħquda fid-diversità*

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ...................................................11

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2016, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2015/2008(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 312 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ġenerali tal-baġit il-ġdid għall-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015[4],

– wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015[5] u s-sitt dikjarazzjonijiet konġunti relatati miftiehma bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll it-tliet dikjarazzjonijiet unilaterali,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni dwar Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li l-Kummissjoni adottat fis-26 ta' Novembru 2014 (COM(2014)0903), u l-proposta għal Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li l-Kummissjoni adottat fit-13 ta' Jannar 2015 (COM(2015)0010)

– wara li kkunsidra t-Titolu II, Kapitolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0027/2015),

A. billi l-baġit tal-UE huwa b'mod predominanti baġit ta' investiment b'effett qawwi ta'

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[2] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
[3] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[4] Testi adottati, P8_TA(2014)0100.
[5] ĠU L 00, 0.0.2015.

ingranaġġ u li huwa katalizzatur għat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi madwar l-Unjoni; billi dan jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti li inkella jkunu diffiċli jew impossibbli li jsiru u jiżgura l-investiment strateġiku f'azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew billi jakkomuna r-riżorsi u jippermetti li jkun hemm ekonomiji ta' skala; billi l-baġit tal-UE għandu impatt pożittiv tanġibbli fuq il-ħajja taċ-ċittadini; billi dan għandu rwol kruċjali fit-tnaqqis tad-diskrepanzi bejn ir-reġjuni Ewropej u biex jassigura investiment f'żoni fejn huwa l-iktar meħtieġ;

B. billi, bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-livell ta' investiment fl-UE naqas b'mod sinifikanti, u din id-differenza fl-iżvilupp bejn ir-reġjuni diversi tal-UE żdiedet; billi, minħabba r-restrizzjonijiet ekonomiċi u baġitarji persistenti fil-livell nazzjonali, il-baġit tal-UE għandu rwol ewlieni fit-trawwim tal-kompetittività u fiż-żieda tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni;

C. billi l-baġit tal-UE ma jistax iwettaq il-missjoni tiegħu jekk il-validità, l-ekwità u l-kredibilità tiegħu huma mhedda; billi huwa perentorju li l-impenji kollha li jiffurmaw parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 jiġu rispettati bis-sħiħ, u li għadd ta' problemi li akkumulaw matul is-snin ta' qabel, partikolarment l-ammont mingħajr preċedent ta' fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena 2014, jiġu solvuti mingħajr dewmien; billi dan ix-xogħol b'lura ta' fatturi mhux imħallsa qiegħed jagħti lok għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' programmi u fondi tal-UE, fejn iċ-ċittadini tal-UE huma l-ewwel li jbatu minn din is-sitwazzjoni; billi d-dewmien f'pagamenti strutturali jqajjem il-kwistjoni ta' jekk għandhomx jiġu imposti interessi fuq ħlasijiet morużi, peress li l-awtoritajiet reġjonali u lokali huma obbligati jduru lejn is-swieq finanzjarji għal finanzjament bil-quddiem biex ikopri kontribuzzjonijiet tardivi tal-UE; jenfasizza li d-diżimpenn mhuwiex soluzzjoni għall-kriżi tal-pagamenti; ifakkar li, skont l-Artikolu 310 tat-TFUE, id-dħul u l-ħruġ murija fil-baġit tal-UE għandhom ikunu f'bilanċ;

D. billi l-2016 se tkun is-sena li fiha l-programmi l-ġodda tal-UE tal-QFP 2014-2020 se jkunu operattivi u għaddejjin b'ritmu tajjeb, u li fiha se titnieda r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-QFP;

***Lura fuq saqajna: 'it-tliet I': l-Impjiegi, l-Impriża u l-Imprenditorija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea***

1. Jenfasizza l-potenzjal u l-valur miżjud tal-baġit tal-UE fil-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-impriżi u l-imprenditorija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni kollha; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għall-appoġġ tar-riċerka u l-iżvilupp, kif

ukoll il-potenzjal ta' tranżizzjoni enerġetika u l-interkonnessjoni li tiġġenera impjiegi ġodda u tkabbir; jirrikonoxxi li firxa wiesgħa ta' programmi tal-UE, bħal Orizzont 2020, COSME, Erasmus+ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, jikkontribwixxu direttament biex jintlaħqu dawn l-għanijiet; jistenna li l-Kummissjoni tqiegħed tali programmi u strumenti orjentati lejn it-tkabbir fil-qalba tal-Abbozz ta' Baġit 2016, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu mogħnija bir-riżorsi neċessarji;

2. Ifakkar li hemm aktar minn 20 miljun SME fl-UE u li dawn jammontaw għal 99 % tal-impriżi kollha; jemmen li ambjent favorevoli għan-negozju u għall-iżvilupp ta' kultura imprenditorjali, inklużi impjiegi deċenti, fl-UE jistgħu jroddu lill-SMEs ir-rwol tagħhom bħala l-ħallieqa ewlenin tal-impjiegi fl-Unjoni, li ddgħajjef bil-kriżi ekonomika; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien u l-operat ta' negozji li għadhom jibdew fl-UE, permezz ta' konnessjonijiet bejn l-imprendituri u t-trawwim ta' proġetti ġodda; iqis li, flimkien mas-semplifikazzjoni leġiżlattiva u t-tnaqqis tal-burokrazija żejda, l-istrumenti finanzjarji disponibbli fl-ambitu tal-programm COSME għandhom jintużaw b'mod sħiħ biex jgħinu lill-SMEs tul din it-triq b'mod partikolari billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għas-swieq u l-krediti; jenfasizza l-potenzjal kbir tal-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiku għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja;

3. Jenfasizza li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jiffurmaw l-ikbar sehem tan-nefqa fl-investiment fil-baġit tal-UE u huma strumentali fil-ħolqien tal-impjiegi, l-istimular tat-tkabbir, u t-tisħiħ tal-kompetittività u l-innovazzjoni; jissottolinja l-fatt li l-politika ta' koeżjoni tal-UE kienet strumentali fis-sostenn tal-investiment pubbliku f'oqsma ekonomiċi indispensabbli u kisbet riżultati tanġibbli abbażi tal-fatt li tista' tagħti s-setgħa lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jegħlbu l-kriżi attwali u jiksbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu kull sforz possibbli, matul ix-xhur li ġejjin, biex jiżguraw adozzjoni rapida tal-Programmi Operattivi li baqa', sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tilħaq ritmu tajjeb fl-2016;

4. Huwa mħasseb dwar il-finanzjament tal-Inizjattiva għall-Impjieg taż-Żgħażagħ mill-2016, minħabba l-forniment minn qabel tal-pakkett finanzjarju kollu kemm hu tal-programm fl-2014 u fl-2015; jenfasizza li l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ jeħtieġ li tkun iktar intensifikata u li l-possibilitajiet ta' finanzjament kollha għandhom jiġu kkunsidrati għal dan il-għan; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-2016 se tkun l-ewwel sena meta r-riżorsi taħt il-Marġini Globali għall-impenji se jkunu magħmula disponibbli, kif stabbilit fir-Regolament tal-QFP 2014-2020, 'il fuq mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika relatati mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni

tivverifika r-raġunijiet li kkawżaw dewmien fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm u biex taħdem mal-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-fond jiġi eżawrit;

5. Jenfasizza l-importanza tal-mobilità transkonfinali bħala mezz biex l-Ewropa tkun tista' tieħu vantaġġ mill-varjetà ta' ħiliet tal-persuni filwaqt li tespandi l-opportunitajiet ta' taħriġ u ta' impjieg għall-ġenerazzjonijiet kollha; jikkunsidra li programmi ta' mobilità emblematiċi u ta' suċċess bħal Erasmus+ jaħdmu sabiex ikunu ta' benefiċċju kemm għall-individwi kif ukoll għall-ekonomija u għalhekk għandhom ikunu sfruttati bis-sħiħ; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-aspetti soċjali tal-mobilità għandhom dejjem jiġu kkunsidrati u li l-mobilità hija biss waħda mill-għodod possibbli biex jiġi miġġieled il-qgħad u m'għandhiex tkun l-aħħar għażla;

6. Ifakkar li l-frodi fit-taxxi u l-evażjoni tat-taxxa għandhom effett negattiv fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri u, sussegwentement, fuq il-baġit tal-UE; jenfasizza, b'mod partikolari, li kwalunkwe frodi relatati mal-VAT, bħal "frodi karusell", ikollhom impatt dirett fuq id-dħul tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-programmi tal-UE li jikkumplimentaw l-azzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam;

7. Jilqa' pożittivament l-introduzzjoni ta' kriterji ta' żvilupp ekoloġiku fil-baġit tal-UE; jemmen li l-politiki tal-UE għandhom jikkontribwixxu b'mod effikaċi biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u l-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità; jikkunsidra li dawn jirrappreżentaw mezz ewlieni u sfidi globali fit-tul li m'għandhomx jintesew;

***Il-baġit tal-UE u l-Pjan ta' Investiment***

8. Jilqa' bħala l-ewwel pass il-Pjan ta' Investiment ippreżentat mill-Kummissjoni, li jista' joħloq il-potenzjal li jimmobilizza EUR 315 biljun ta' investiment fl-infrastruttura, fl-edukazzjoni u r-riċerka, kif ukoll SMEs u kumpaniji ta' kapitalizzazzjoni medja, sabiex ikun ikkumpensat l-iżbilanċ fl-investiment pubbliku u privat iġġenerat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja; jinnota li l-baġit tal-UE huwa mistenni li jipprovdi l-bażi ta' dan il-pjan ta' investiment billi jagħmel disponibbli t-EUR 8 biljun meħtieġa f'impenji u f'pagamenti għall-proviżjonament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (EFSI); iqis li l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għandha tirriżulta fi qligħ sinifikanti permezz ta' effett ta' ingranaġġ akbar; jikkonferma d-disponibilità tiegħu li jeżamina bl-akbar viġilanza l-mod kif l-impenji finanzjarji tal-UE lejn il-BEI għat-twaqqif tal-EFSI huma mdaħħla fil-baġit tal-UE;

9. Jenfasizza n-natura addizzjonali u kumplementari tal-Pjan ta' Investiment propost u l-

baġit tal-UE kif ukoll l-impenn konġunt tagħhom biex jagħtu spinta lill-ekonomija u jistimolaw il-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza li l-baġit tal-UE huwa fih innifsu strument prinċipali ta' investiment bi rwol u missjoni distinti, li pproduċa riżultati tanġibbli b'valur miżjud Ewropew ċar; jinsab konvint li jeħtieġ jintuża kull sforz sabiex jinħolqu sinerġiji mhux biss bejn il-Pjan ta' Investiment u l-baġit tal-UE iżda wkoll ma' baġits nazzjonali, sabiex jitnaqqas id-distakk fl-investiment, tiġi żgurata l-konverġenza u l-istabilità fl-UE, u jiġi massimizzat l-effett tal-infiq pubbliku fuq l-ekonomija reali; jissottolinja, madankollu, l-importanza li jitneħħew l-ostakli eżistenti għall-investiment, b'mod partikolari rigward iċ-ċarezza u l-prevedibilità tal-qafas regolatorju;

***Is-solidarjetà interna u esterna u Ewropa sigura***

10. Ifakkar li l-baġit tal-UE huwa għodda ta' solidarjetà interna peress li jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jista' jgħin fil-ġlieda kontra l-faqar, jippromwovi l-inklużjoni soċjali u jgħin biex jimminimizza l-inugwaljanzi fl-iżvilupp mhux biss bejn l-Istati Membri, iżda wkoll bejn ir-reġjuni tagħhom; jenfasizza li huwa wkoll strument ta' solidarjetà esterna, li jipprovdi għajnuna urġenti fi kriżijiet umanitarji u ċivili billi joffri appoġġ lill-pajjiżi fil-bżonn - bħall-Ukraina - u billi jagħmel lill-UE l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp, bil-għan li jintlaħqu l-impenji tal-Unjoni għall-qerda tal-faqar, kif affermat mill-ġdid fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, u jikkontribwixxi lejn l-aġenda tal-Iżvilupp Globali għal wara l-2015;

11. Jinnota bi tħassib li l-Ewropa, minkejja li hija wieħed mill-iktar postijiet sikuri fid-dinja, qed tħabbat wiċċha ma' tipi ġodda ta' riskji għas-sigurtà interna tagħha li jeħtieġu li tkun żgurata kooperazzjoni u koordinament aktar mill-qrib tal-pulizija u dik ġudizzjarja, ikunu żviluppati miżuri għal integrazzjoni aħjar u koeżjoni soċjali miżjuda, u fl-istess ħin tippromwovi l-istabilità u l-paċi f'żoni ta' kunflitt; jenfasizza li sforz komuni biex jiġu trattati l-flussi migratorji jinsab f'salib it-toroq kemm tas-solidarjetà interna u kif ukoll ta' dik esterna; ifakkar fl-appoġġ tiegħu għar-rinforz ta' mezzi tal-UE u għall-iżvilupp ta' kultura ta' kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet fost l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament tal-asil u l-migrazzjoni, sabiex jassigura fruntieri esterni sikuri u siguri b'rispett sħiħ lejn il-valuri fundamentali tal-UE, b'referenza partikolari għal azzjoni fil-Mediterran u fuq il-fruntiera tax-Xlokk tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi tisħiħ immirat tal-programmi u l-istrumenti rilevanti, biex b'hekk jintwera l-impenn tal-UE biex jiġu ttrattati dawn il-kwistjonijiet;

***Rispett tal-impenji***

12. Jinsab konvint li l-baġit tal-UE ma jistax jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu mingħajr ma jissolvew b'mod definittiv u inekwivokabbli għadd ta' problemi li akkumulaw matul l-

aħħar ftit snin u, li sfortunatament, iddominaw in-negozjati baġitarji tas-sena l-oħra, primarjament il-problema rikorrenti ta' fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena kif ukoll il-kwistjoni tal-ibbaġitjar tal-istrumenti speċjali tal-QFP, u d-dewmien fl-implimentar tal-programmi operattivi għall-politika ta' koeżjoni; iqis li sa mhux aktar tard mill-2015 għandhom jiġu introdotti soluzzjonijiet konkreti u sostenibbli għal dawn il-kwistjonijiet pendenti;

13. Jitlob li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tad-dikjarazzjonijiet konġunti dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament u dwar pjan ta' pagament li kien hemm qbil dwarhom bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fi tmiem il-proċedura baġitarja tal-2015, u jqis li azzjoni bħal din għandha tindika li t-tliet istituzzjonijiet qed jaħdmu b'serjetà lejn soluzzjoni għall-problema ta' kontijiet mhux imħallsa; ifakkar fl-impenn meħud li, matul din is-sena, jiġu organizzati mill-inqas tliet laqgħat interistituzzjonali dwar il-pagamenti, sabiex isir bilanċ fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' pagamenti u tal-previżjonijiet riveduti; jistenna li l-ewwel waħda minn dawn il-laqgħat, f'Marzu 2015, tagħti l-ewwel ħarsa ġenerali lejn il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa fit-tmiem tal-2014 għall-oqsma ta' politika ewlenin; jiddispjaċih li, kif mistenni, lejn l-aħħar tal-2014, dan il-livell laħaq l-ammont bla preċedent ta' EUR 24,7 biljun għall-programmi ta' koeżjoni 2007-2013 biss; jiddeplora l-fatt li dan id-dejn idgħajjef il-kredibilità tal-UE u jikkontradiċi l-objettivi stabbiliti fl-ogħla livell politiku għat-tkabbir u l-impjiegi; jenfasizza li l-pagamenti huma konsegwenza diretta u loġika ta' impenji tal-imgħoddi;

14. Jagħti importanza kbira għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' pagament solidu bil-għan li jitnaqqas il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa fi tmiem is-sena għal-livell strutturali tiegħu matul il-QFP attwali, kif iddikjarat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni konġunta miftiehma fil-qafas tal-proċedura baġitarja tal-2015; ifakkar li dan il-pjan se jkun miftiehem mit-tliet istituzzjonijiet fi żmien debitu qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz ta’ baġit 2016; iqis li l-laqgħa interistituzzjonali f'Marzu 2015 għandha tipprovdi l-opportunità biex it-tliet istituzzjonijiet jaqblu dwar dan il-pjan;

15. Itenni l-pożizzjoni tiegħu, li ilu jħaddan, li l-pagamenti ta' strumenti speċjali (Strumenti ta' Flessibilità, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza) għandhom jiġu magħduda lil hinn mil-limiti massimi ta' ħlas tal-QFP, bħal fil-każ tal-impenji; jiddispjaċih li l-ebda ftehim ma kien possibbli matul il-proċedura baġitarja tas-sena li għaddiet minħabba l-interpretazzjoni ħażina tal-Kunsill marbuta mad-dispożizzjoni rilevanti tal-QFP; jenfasizza li l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tista' timplika tnaqqis ulterjuri tal-QFP meta mqabbel mal-perjodu 2007-2013; jistenna li l-kwistjoni tiġi riżolta mill-Kummissjoni bl-aġġustament tekniku tal-2015 tal-Marġini Globali għall-Pagamenti;

16. Ifakkar li l-aġenziji tal-UE għandhom rwol importanti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE u fl-għanijiet bħalma huma l-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi; ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Kunsill li l-aġenziji tal-UE iwettqu l-kompiti konferiti lilhom mill-awtorità leġiżlattiva u għalhekk iridu jiġu rispettati bħala partijiet importanti tal-amministrazzjoni tal-UE; jissottolinja li l-aġenziji jeħtieġu riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti biex ikunu jistgħu jwettqu l-mandati statutorji tagħhom bis-sħiħ u b'mod effikaċi; jenfasizza li aġenzija waħda tal-UE diġà ħabbret il-posponiment u t-tħassir ta' proġetti attwali bħala konsegwenza ta' tnaqqis qawwi fil-baġit u l-persunal deċiż għall-baġit tal-2015; ifakkar fl-oppożizzjoni tal-Parlament għar-riżerva ta' riallokazzjoni, u jitlob lill-Kummissjoni biex treġġa' lura l-effett tagħha meta tippreżenta l-abbozz tal-baġit 2016;

***Nimxu 'l quddiem***

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex debitament tqis il-prijoritajiet politiċi msemmija hawn fuq hija u tistabbilixxi l-abbozz ta' baġit tagħha għall-2016 b'tali mod li l-programmi u l-azzjonijiet rilevanti tal-UE jingħataw il-mezzi meħtieġa biex jimplimentaw dawn l-għanijiet; jantiċipa, f'dan il-kuntest, reazzjoni pożittiva min-naħa tal-Kummissjoni għar-rikjesti u l-pożizzjonijiet addizzjonali espressi f'din ir-riżoluzzjoni sabiex jissolvew problemi rikorrenti u tkun iffaċilitata l-proċedura baġitarja ta' din is-sena; jistenna wkoll lill-Kummissjoni biex tipproponi livell adegwat ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-abbozz ta' baġit tagħha, abbażi ta' previżjonijiet u ħtiġijiet reali, sabiex tagħti lill-UE r-riżorsi biex tilħaq l-ambizzjonijiet tagħha;

18. Ifakkar li skont it-Trattat, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li l-mezzi finanzjarji jkunu magħmulin disponibbli sabiex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi ġuridiċi tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi; jinsisti għall-użu tal-mezzi kollha disponibbli fl-ambitu tar-Regolament tal-QFP sabiex jintlaħqu l-obbligi ġuridiċi tal-Unjoni u ma jiġux ipperikolati jew imdewma l-pagamenti lill-partijiet ikkonċernati bħal riċerkaturi, universitajiet, eċċ;

19. Jitlob lill-Kunsill, fl-eżami tiegħu tal-baġit tas-sena d-dieħla, jabbanduna l-użu ta' standards doppji u jilħaq l-aspettattivi li tqajmu mid-dikjarazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu stess, kemm jekk relatati mal-kriżi tal-pagamenti, mal-QFP, mal-istrateġija Ewropa 2020 jew mat-tnedija mill-ġdid tal-investiment; iqis li tali dikjarazzjonijiet u impenji politiċi huma ineffettivi sakemm ma jingħatawx biżżejjed riżorsi baġitarji li jippermettu l-implimentazzjoni tagħhom;

20. Jimpenja ruħu, fi ħdan il-limiti massimi tal-QFP u b'kunsiderazzjoni xierqa għas-skarsezza gravi ta' pagamenti, biex iwettaq ir-rwol tiegħu bħala fergħa tal-awtorità baġitarja b'dedikazzjoni u responsabilità billi jippromwovi żidiet immirati sew f'dawk l-

oqsma baġitarji b'kapaċità ta' assorbiment għolja li jikkorrispondu għall-prijoritajiet politiċi tiegħu u jiggarantixxu riżultati pożittivi; biħsiebu, f'dan ir-rigward, jeżamina, bl-għajnuna tal-kumitati speċjalizzati tiegħu, il-programmi u l-linji baġitarji speċifiċi li jistgħu jiksbu aħjar dan l-objettiv;

21. Jenfasizza li l-baġit 2016 se jkun kruċjali, mhux biss minħabba li l-2016 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjoni l-ġdida tal-QFP dwar il-marġini globali għall-impenji, iżda wkoll minħabba li għandu jservi bħala l-punt ta' riferiment għar-rieżami u r-reviżjoni postelettorali tal-QFP, li għandha titnieda qabel tmiem l-2016; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti prijoritajiet politiċi u jiġu identifikati fi żmien utli oqsma ta' valur miżjud pruvat tan-nefqa tal-UE u li għalihom aktar investimenti se jkunu meħtieġa fit-tieni nofs tal-QFP 2014-2020; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni u l-prestazzjoni ta' programmi fundamentali tal-UE, diġà matul il-proċedura attwali tal-baġit;

22. Jerġa' jafferma l-pożizzjoni tiegħu favur riforma profonda tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-UE, li attwalment turi nuqqasijiet li qed jikkawżaw ostakli gravi fin-negozjati baġitarji; jagħti, għaldaqstant, l-ogħla importanza politika lill-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-riżorsi proprji, taħt il-Presidenza ta' Mario Monti; jilqa' b'sodisfazzjon "l-ewwel rapport ta' valutazzjoni" tal-Grupp ta' Livell Għoli, li jipproponi li l-kwistjoni ta' riżorsi proprji għall-baġit tal-UE għandha tiġi eżaminata mill-iktar perspettivi possibbli, u jistenna bil-ħerqa r-riżultat tal-ħidma tiegħu u l-proposti finali li għandhom jiġu ppreżentati f'konferenza interistituzzjonali, bil-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali, matul l-2016, u kkunsidrat fil-kuntest ta' rieżami u ta' reviżjoni postelettorali tal-QFP;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 26.2.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 5<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Jonathan Arnott, Jean Arthuis, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, Carlos Iturgaiz, Bernd Kölmel, Vladimír Maňka, Clare Moody, Victor Negrescu, Liadh Ní Riada, Urmas Paet, Pina Picierno, Paul Rübig, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Paul Tang, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Marco Valli, Daniele Viotti, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Paulo Rangel |